# Abbozz ta' Liġi

# dwar il-Finanzjament ta' Partiti Politiċi

## Il-fehma ta' Alternattiva Demokratika

**minn Carmel Cacopardo – Deputat Chairperson**

Daħla

Manifest Elettorali 2013

White Paper

Żewġ punti fundamentali

Ir-reġistrazzjoni

Id-donazzjonijiet, self u l-investiment

Propjetà pubblika akkumulata

L-infieq f'kampanja elettorali

Ir-rwol tat-Teżorier

Finanzjament mill-istat

Konklużjoni

## Daħla

Alternattiva Demokratika minn dejjem, sa mit-twaqqif tagħha, ħamsa u għoxrin sena ilu, fl-1989, saħqet fuq il-ħtieġa ta' trasparenza u kontabilità fil-finanzjament tal-partiti politiċi. Fid-dikjarazzjoni ta' prinċipji,[1] approvata minn Alternattiva Demokratika ftit wara t-twaqqif tagħha, fil-fatt iddikjarat li:

> " ........... aħna naħdmu biex issir liġi fejn il-partiti jkollhom jiddikjaraw il-flus li jiġbru. Barra minhekk, naħdmu biex il-gvern jagħti għajnuna finanzjarja lill-partiti li tkun ibbażata fuq l-ammont ta' voti miksuba fl-elezzjonijiet nazzjonali u anke lokali."

Minbarra din id-dikjarazzjoni din l-insistenza fuq it-trasparenza u l-kontabilità kienet manifestat ukoll billi Alternattiva Demokratika kontinwament fittxet li tidentifika u tesponi każijiet ta' familjarità żejda bejn id-dinja tan-negozju u dik tal-politika. L-investiment li għamlu uħud minn dawk fid-dinja tan-negozju f'Malta f'uħud mill-politiċi u fil-partiti fil-Parlament tul is-snin ikkontamina l-politika b'mod gravi ħafna. Din il-kontaminazzjoni għandha l-għeruq tagħha fil-fond u hi ġeneralament il-kawża ewlenija ta'politika żbaljata li tfittex l-interess ta' min jiffinanzja l-politika flok ma tfittex l-interess tal-komunità.

Mhux ta' b'xejn li Malta hi waħda mill-pajjiżi tal-aħħar fl-Ewropa li qed tikkunsidra li tirregola l-finanzjament tal-politiċi u tal-partiti politiċi.

## Manifest Elettorali 2013

Fil-Manifest Elettorali għall-elezzjoni ġenerali ta' Marzu 2013 Alternattiva Demokratika għal darba oħra insistiet fuq il-ħtieġa li l-finanzjament tal-partiti politiċi jkun regolat. Il-Manifest Elettorali ta' Alternattiva Demokratika fil-Kapitlu 6 tiegħu intitolat "Riformi Kostituzzjonali u Demokratiċi" iqiegħed għad-diskussjoni l-ħames proposti segwenti:

1) regoli stretti fuq id-donazzjonijiet, billi tkun meħtieġa dikjarazzjoni dwar donazzjonijiet ogħla minn €5,000 u l-projbizzjoni ta' donazzjonijiet ikbar minn €40,000,
2) finanzjament tal-partiti politiċi mill-istat, bl-għoti lill-partiti politiċi ta' €3 fis-sena għal kull vot miksub f'elezzjoni ġenerali jew Ewropea,
3) kull partit politiku jkollu l-kontijiet tiegħu vverifikati, minn kummissjoni maħtura mill-Awditur Ġenerali,
4) li n-nefqa minn kandidat għal elezzjoni ġenerali għandha titla' minn €1,400 għal €4,000 u li din in-nefqa għandha tinkludi n-nefqa magħmula mill-partit

[1] Alternattiva Demokratika: Principji. 1989.

tiegħu/tagħha pro-rata skond in-numru ta’ kandidati, li n-nefqa ta’ kandidati għandha tinkludi dak li jonfqu terzi f’isimhom, kif ukoll li n-nefqa ta’ kull kandidat tkun eżentata mill-ħlas ta’ taxxa sakemm din tkun fil-limiti stabiliti,

5) li għandha titwaqqaf kummissjoni biex tistabilixxi l-valur tal-propjetà tal-Gvern mikrija lill-partiti politiċi u tirrevedi l-kirjiet għal-livelli tas-suq fuq bażi regolari.

**White Paper**

Huwa fid-dawl ta’ dan li Alternattiva Demokratika ħadet sehem fid-dibattitu nazzjonali dwar is-suġġett. In partikolari meta f’Jannar 2014 ħarġet il-White Paper[2] bil-proposti tal-Gvern għad-diskussjoni Alternattiva Demokratika ppreżentat ir-reazzjoni tagħha.[3] Din ir-reazzjoni fil-forma ta’ dokument ġiet ippreżentat lill-istampa f’diversi okkazjonijiet. Ġiet ukoll diskussa f’laqgħa li saret mal-Ministru tal-Ġustizzja l-Onorevoli Owen Bonnici.

Fil-White Paper tal-Gvern ta’ Jannar 2014 għall-ewwel darba l-proposti tal-Gvern bdew jieħdu forma. Kienu jidhru li kellhom xebħ sostanzjali ma’ proposta ppreżentata fl-aħħar Parlament, il-Ħdax-il Leġislatura, mill-Onorevoli Franco Debono fil-Private Member’s Bill illi kien ippreżenta[4].

Fit-tweġiba tagħha għall-White Paper, Alternattiva Demokratika emfasizzat l-erbatax-il punt segwenti :

1. li kien hemm qbil fil-prinċipju mal-linja ġenerali tal-proposti tal-Gvern, imma li d-dettalji ta’ dawn il-proposti kellhom fit-totalita’ tagħhom ikunu ikkunsidrati mill-ġdid,
2. li kien hemm qbil li l-ewwel pass ikun l-ordni, t-trasparenza u l-kontabilita’ fil-finanzjament tal-partiti u li sussegwentement għandu jkun ikkunsidrat il-finanzjament tal-partiti politiċi mill-istat,
3. ma kienx hemm qbil illi l-awtorità regolatorja tkun il-Kummissjoni Elettorali u dan billi l-Kummissjoni Elettorali hi komposta esklussivament minn persuni tal-fiduċja tal-partiti fil-Parlament u dan kif ipprovdut fil-Kostituzzjoni,
4. AD ipproponiet li flok ma tkun il-Kummissjoni Elettorali, l-awtorità regolatorja għandu jkun il-Kummissarju dwar l-Istandards fil-Ħajja Pubblika flimkien mal-Kumitat Magħżul tal- Parlamentari dwar l-Istandards fil-Ħajja Pubblika u dan b’referenza għall-proposta tal-Kumitat Magħżul tal-Kamra tar-Rappreżentanti li f’dawk il-ġranet kienet fi stadju avvanzat ta’ diskussjoni. Illum id-diskussjoni hi konkluża u r-rapport

[2] Segretarjat Parlamentari għall-Ġustizzja: Il-Finanzjament tal-Partiti. Il-proposti tal-Gvern għad-diskussjoni. Jannar 2014

[3] Finanzjament tal-Partiti Politiċi. Proposta ta’ Alternattiva Demokratika. 6 ta’ Frar 2014.

[4] Il-Ħdax-il Legislatura: Mozzjoni 288 ppreżentata mill-Onor Franco Debono nhar is-Sibt 21 ta’ Jannar 2012. L-abbozz ta’ Liġi propost kien intitolat: Financing of Political Parties Act 2012. Ma ġietx ippreżentata verżjoni bil-Malti.

finali[5] diġa ġie ippreżentat għall-konsiderazzjoni tal-Membri Parlamentari. Il-fatt li hu propost mill-Kumitat Magħżul tal-Kamra tad-Deputati illi l-Kummissarju dwar l-Istandards fil-Ħajja Pubblika jinħatar bl-approvazzjoni ta' żewġ terzi tal-Membri Parlamentari jassigura li jkun hemm kunsens wiesgħa dwar il-persuna magħzula liema kunsens indubjament iwassal għall-indipendenza ikbar tal-proċess kollu mill-partiti parlamentari.

5. AD qablet mal-proposta fil-White Paper illi l-partiti jkunu reġistrati peró emfasizzat il-ħtieġa illi l-liġi ma kelliex tidħol f'dettalji meqjusa żejda u bla bżonn, u dan minħabba li kull partit politiku hu ġestit b'mod differenti. Kellu għaldaqstant ikun emfasizzat li partit politiku, biex ikun reġistrat ħtieġlu li jkun demokratiku fil-ħsieb u demokratiku fil-forma, imma li dwar id-dettalji kif dan kellu jsir kellu jitħalla għalihom spazju raġjonevoli lill-partiti politiċi,
6. AD taqbel li l-kontijiet finanzjarji tal-partiti politiċu jkunu vverifikati imma meta l-leġislatur jikkonsidra l-ħtieġa tal-verifika għandu jiddistingwi u jagħraf li l-partiti politiċi mhux kollha għandhom l-istess mezzi. Il-leġislatur m'għandux jittratta l-partiti politiċi li jdaħħlu u jonfqu l-miljuni bl-istess mod li jittratta partit politiku bħal Alternattiva Demokratika li f'sena d-dħul tiegħu ma jaqbiżx il-€15,000,
7. Għalhekk AD ipproponiet li f'każ li d-dħul annwali ta' partit politiku ma jaqbizx il-€100,000 fis-sena, l-ispejjeż tal-verifika li jkun jeħtieġ ir-regolatur għandu jagħmel tajjeb għaliha r-regolatur innifsu,
8. Alternattiva Demokratika ma qablitx mal-klassifikazzjoni tad-donazzjonijiet fuq 4 livelli kif għamlet il-White Paper; in partikolari AD ma qablitx mad-donazzjonijiet anonimi (taħt il-€500 fis-sena) kif ukoll mal-ammont permissibli tal-livelli l-oħra ta' donazzjonijiet,
9. AD ipproponiet, in konformità mal-proposti fil-Manifest Elettorali tagħha għall-elezzjoni ġenerali tal-2013, li kellha tinħareġ irċevuta għal kull donazzjoni kif ukoll li:
    i) donazzjonijiet sa total ta' €4,000 f'sena waħda mingħand l-istess persuna għandhom jinżammu kunfidenzjali u li dwarhom m'għandha tingħata l-ebda informazzjoni għajr jekk din l-informazzjoni tkun meħtieġa waqt li tkun għaddejja l-verifika;
    ii) donazzjonijiet bejn l-€4,000 u l-€40,000 f'sena waħda mingħand l-istess persuna għandhom ikunu reġistrati u li informazzjoni dwarhom għandha tingħata lir-regolatur, li jagħmilha pubblika;
    iii) donazzjonijiet li jeċċedu l-€40,000 f'sena waħda mingħand l-istess persuna għandhom ikunu illegali;
    iv) meta jsiru donazzjonijiet li ma jkunux fi flus dawn għandhom ikunu konvertiti f'termini monetarji biex ikun jista' jiġi stabilit jekk humiex konformi mar-regoli.

[5] It-Tnax-il Leġislatura. Kumitat Magħżul tal-Kamra tad-Deputati. Rapport Finali lill-Kamra. It-Tnejn 24 ta' Marzu 2014. Dokument 2528 imqiegħed fuq il-mejda tal-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Numru 132 minn Mr Speaker, Onor Anġlu Farrugia MP .

10. AD ġibdet l-attenzjoni li l-White Paper ma tagħmel l-ebda referenza għal self ta’ flus li jista’ jottjeni partit politku mingħajr ma jkollu l-intenzjoni li jħallsu lura u dan fid-dawl tal-iskandlu fir-Renju Unit magħruf bħala “Cash for Honours scandal”,
11. Lanqas ma kien ċar fil-White Paper ir-rwol tal-investimenti akkumulati mill-partiti politiċi u l-ħtieġa li dawn jinżammu separati u distinti mill-partiti. Dan għandu jsir b’mod li l-istess partiti ma jkunux jistgħu jibbenefikaw b’mod illeċtu mir-riżorsi akkumulati fil-kumpaniji tagħhom, kif ukoll biex ikun assigurat li l-iskuża tas-sensitivita kummerċjali ma tintużax biex tinżamm mistura informazzjoni sensittiva,
12. Il-White Paper l-anqas ma tindirizza l-propjeta’ pubblika akkumulata f’idejn il-partiti politiċi. Għandhom jittieħdu l-passi amministrattivi neċessarji biex ikun assigurat li fuq bażi regolari l-kera li titħallas mill-partiti għal dawn il-propjetajiet tkun waħda kummerċjali,
13. AD ma qablitx mat-tibdil propost għall-infieq mill-kandidati fil-kampanji elettorali differenti b’mod li:
    i) flok infieq permissibli ta’ €25,000 f’elezzjoni ġenerali, kif propost mill-White Paper, Alternattiva Demokratika ipproponiet li l-limitu tal-lum ta’ €1,400 jiżdied għal €4,000,
    ii) flok infieq permissibli ta’ €50,000 f’elezzjoni għall-Parlament Ewropew, kif propost mill-White Paper, Alternattiva Demokratika ipproponiet li l-limitu tal-lum ta’ ftit iktar minn €18,000 jiżdied għal €20,000,
    iii) flok infieq permissibli ta’ €5,000 f’elezzjoni għal Kunsill Lokali, kif propost mill-White Paper, Alternattiva Demokratika ipproponiet li l-limitu tal-lum ta’ €1,400 jiżdied għal bejn €2,000 u €4,000 skond id-daqs tal-Kunsill Lokali kontestat,
14. Alternattiva Demokratika emfasizzat ukoll il-ħtieġa li jkun determinat il-limitu permissibbli għal infieq minn partit politiku waqt kampanja elettorali.

**Żewġ punti fundamentali**

Issa li ġie ippubblikat l-abbozz ta’ liġi hu ċar li dan fih żewġ punti fundamentali illi dwarhom Alternattiva Demokratika ma tistax taqbel. Qed nirreferi kemm għall-awtorita’ regolatorja proposta – l-Kummissjoni Elettorali – kif ukoll għall-fatt li l-abbozz ta’ liġi jaqta’ għad-dritt u ma jieħux in konsiderazzjoni l-fatt li l-PN u l-PL m’humiex l-uniċi partiti politiċi f’Malta. Il-mod kif inhu mfassal l-abbozz ta’ liġi jindika li dak li amministrattivament ġie meqjus bħala li hu addattat għall-PN u għall-PL tqies bħala li huwa addattat għal kulħadd: qies wieħed għal kulħadd (one size fits all).

Fl-abbozz ta' liġi l-Gvern għadu qed jinsisti illi l-awtorita' regolatorja tkun il-Kummissjoni Elettorali. Diġa ġie spjegat, iktar il-fuq, illi l-komposizzjoni tal-Kummissjoni Elettorali b'nofsha tinħatar mill-Gvern u bin-nofs l-ieħor tinħatar mill-Oppożizzjoni (b'Chairman appuntat mill-Gvern) tpoġġi liż-żewġ partiti politiċi parlamentari f'pożizzjoni li direttament jikkontrollaw il-proċess kollu li qed jiġi propost. Kull partit politiku ieħor, inkluż Alternattiva Demokratika, hu eskluż minn dan il-proċess. F'dan il-kuntest l-emenda proposta għall-artiklu 2 tal-Att dwar l-Elezzjonijiet Ġenerali li bħala riżultat tagħha tinbidel id-definizzjoni ta' partit politiku u kull partit politiku reġistrat jibda jkollu l-istess dritt ta' aċċess għall-informazzjoni mingħand il-Kummissjoni Elettorali għalkemm importanti fiha innifisha xejn ma tnaqqas mill-kontroll effettiv tal-PN u l-PL fuq il-Kummissjoni Elettorali.

Alternattiva Demokratika, kif diġa għamlet meta ikkummentat dwar il-White Paper tirreferi għal proposta approvata minn Kumitat Magħżul tal-Kamra tar-Rappreżentanti taħt it-tmexxija tal-iSpeaker. Il-Kumitat Magħżul issa iffinalizza r-rapport tiegħu[6] liema rapport jinkludi abbozz ta' liġi ieħor intitolat: *Standards in Public Life Act 2014*. Dan l-abbozz jipprovdi dwar il-ħatra ta' Kummissarju u Kumitat Permanenti Parlamentari dwar l-Istandards fil-Ħajja Pubblika.

Skond il-klawsola 3 tal-abbozz dwar l-Istandards, il-liġi proposta tapplika għall-Membri tal-Parlament (inkluż Ministri, Segretarji Parlamentari u Assistenti Parlamentari) kif ukoll għal persuni impjegati f'posizzjoni ta' fiduċja inkella bħala konsulenti tal-Gvern jew ta' xi korp statutorju. L-istess klawsola 3 tippermetti li l-applikabilita tal-liġi tista' titwessa' permezz ta' regolamenti li jkunu ikkunsidrati u jiksbu l-appoġġ tal-Kamra tar-Rappreżentanti.

L-abbozz jikkonċerna l-imġieba tal-politiċi eletti fil-Parlament u konsulenti/ħatriet ta' fiduċja. L-awtorità regolatorja hi vestita f'Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika li skond kif tipprovdi l-klawsola 4 tal-istess abbozz jeħtieġ l-approvazzjoni ta' mhux inqas minn żewġ terzi tal-Membri tal-Kamra tar-Rappreżentanti biex ikun jista' jinħatar.

Il-Kummissarju hekk maħtur hu propost li jkun sorveljat fil-ħidma tiegħu minn Kumitat Permanenti mmexxi mill-iSpeaker u kompost ukoll minn 4 Membri Parlamentari, tnejn min-naħa tal-Gvern u tnejn oħra min-naħa tal-Oppożizzjoni.

Alternattiva Demokratika hi tal-fehma li dan ifisser mhux biss garanzija ta' serjeta' u imparzjalita bil-ħatra ta' persuna li tgawdi l-fiduċja ta' mhux inqas minn żewġ terzi tal-Parlament imma ukoll garanzija ta' trasparenza ikbar minħabba li l-laqgħat tal-Kumitat Parlamentari jsiru fil-pubbliku. Il-ħidma li issir għaldaqstant tista' ukoll tkun soġġetta b'iktar faċilita għall-iskrutinju tal-medja.

Għal dawn ir-raġunijiet Alternattiva Demokratika hi tal-fehma li l-awtorita regolatorja dwar il-finanzjament tal-politika għandha tkun fil-qafas tal-istruttura li l-Parlament qiegħed jibni

[6] Ara nota 5 iktar il-fuq.

bil-mod u bil-paċenzja dwar l-Istandards fil-Ħajja Pubblika bl-involviment tal-Kummissarju dwar l-Istandards fil-Ħajja Pubblika. Dan ikun ferm aħjar mill-istruttura proposta fl-abbozz ta' liġi dwar il-finanzjament tal-partiti politiċi.

Nifhmu li l-idea li l-awtorita regolatorja għall-finanzjament tal-partiti politiċi tkun il-Kummissjoni Elettorali ttieħdet mill-esperjenza tar-Renju Unit. Irridu iżda inżommu quddiem għajnejna li l-esperjenza tar-Renju Unit m'għandha xejn x'taqsam ma dik Maltija fejn tidħol awtorita' regolatorja indipendenti. Fil-leġislazzjoni tar-Renju Unit[7] kemm il-proċess elettorali ukoll dak ta' sorveljanza tal-finanzjament tal-partiti politiċi hu taħt il-lenti tal-House of Commons u l-Kummissarji Elettorali għar-Renju Unit (għaxra b'kollox) b'kuntrast mal-prattika f'Malta ma jistgħux ikunu persuni assoċjati ma' partiti politiċi. Dik tagħmel differenza kbira u fundamentali.

**Ir-reġistrazzjoni**

L-abbozz ta' liġi jipprovdi għar-reġistrazzjoni tal-partiti politiċi. F'din il-parti l-abbozz jidħol f'inqas dettall milli kien propost fil-White Paper. Alternattiva Demokratika m'għandha l-ebda diffikulta' ta' prinċipju f'dak meħtieġ. Jidhrilha biss li l-obbligu li statut ta' partit politiku u l-emendi għalih ikunu reġistrati permezz ta'Att Notarili huwa ftit esaġerat. Kien ikun biżżejjed jekk il-liġi proposta tobbliga li kemm l-istatut kif ukoll l-emendi għalih ikunu depożitati għand l-awtorita' regolatorja.

**Id-donazzjonijiet, is-self u l-investiment**

Anke dwar id-donazzjonijiet, is-self u l-investiment, huwa aċċettat li l-abbozz ta' liġi huwa proposta ferm aħjar minn dik fil-White Paper. Jista' jkun hemm iktar titjib billi jitnaqqsu l-ħtieġa ta' rapporti mhux neċessarji. Per eżempju ma hemm l-ebda ħtieġa li jkun hemm tlett rapport fis-sena dwar id-donazzjonijiet meta wieħed ikun biżżejjed.

Dwar id-donazzjonijiet Alternattiva Demokratika tirrikonoxxi li sar aġġustament fl-ammonti b'mod li l-ammont permissibli ta' donazzjoni anonima ġie ridott sostanzjalment minn €500 għal €50 f'sena. Dan hu pożittiv. Hu daqstant ieħor pożittiv li donazzjonijiet bejn il-€50 u €500 fis-sena flok ma jkunu anonimi għandhom jinżammu kunfidenzjali imma dokumentati u allura soġġetti għal verifika. Alternattiva Demokratika hi sodisfatta li dan il-punt li tant insistiet dwaru ġie aċċettat.

[7] Political Parties, Elections and Referendums Act 2000. Chapter 41.

Huwa ukoll pożittiv li fil-waqt li d-donazzjonijiet reġistrati internament fil-partiti politiċi, li fil-White Paper kien propost li jkunu dawk bejn il-€500 u l-€10,000, issa sar aġġustament biex dawn ikunu bejn il-€500 u s-€7,000 fis-sena. Jiġifieri l-massimu ġie ridott minn €10,000 għal €7,000.

Kien hemm ukoll tibdil addizzjonali dwar id-donazzjonijiet. Il-massimu ta' donazzjoni li tista' tkun aċċettata niżel minn €50,000 fis-sena għal €40,000 biex b'hekk issa d-donazzjonijiet dikjarabbli riċevuti u li dwarhom trid tkun notifikata l-awtorita regolatorja u eventwalment ikunu pubbliċi ser ikunu d-donazzjonijiet kollha bejn is-€7,000 u l-€40,000. Alternattiva Demokratika taqbel ma dan.

Ġie osservat ukoll illi l-abbozz ta' liġi huwa ħafna iktar ċar dwar self li partit politiku jista' jkollu b'kundizzjonijiet mhux kummerċjali. Dan huwa avvanz ieħor fuq dak li oriġinalment kien propost fil-White Paper.

L-abbozz ta' liġi iżda ma jagħmel l-ebda referenza diretta għall-kumpaniji kummerċjali ġestiti mill-partiti politiċi.

Huwa neċessarju li jkun ċar li ċ-ċaqlieq ta' riżorsi minn kumpaniji kummerċjali fid-direzzjoni ta' partit politiku jistgħu jkunu huma ukoll donazzjoni, kemm jekk dan ikun fl-użu ta' riżorsi umani kif ukoll jekk fl-għoti ta' servizzi b'rati vantaġġjużi meta ikkumparat ma dawk kummerċjali. Għalkemm din il-konsiderazzjoni tista' tirriżulta mill-abbozz b'mod indirett ikun ferm aħjar kieku jkun hemm provedimenti speċifiċi li jirregolaw l-investimenti kummerċjali tal-partiti politiċi.

Għandu jkun assigurat li l-amministrazzjoni tal-kumpaniji kummerċjali kif ukoll kull attivita' kummerċjali tal-partiti politiċi tinżamm separata u distinta mill-amministrazzjoni tal-partiti politiċi nfushom. Għandu jkun assigurat ukoll li l-partiti politiċi ma jkunux jistgħu jżommu informazzjoni mistura taħt l-iskuża ta' sensittivita kummerċjali.

Dan kollu ma jirriżultax mill-abbozz ta' liġi taħt konsiderazzjoni.

## Propjetà pubblika akkumulata

L-abbozz ta' liġi fil-klawsola 35 tiegħu jitkellem dwar li ma jistax ikun hemm donazzjonijiet minn korpi pubbliċi sakemm dawn ma jkunx hemm provedimenti legali speċifiċi dwarhom. Jissemma l-aċċess għall-mezzi ta' komunikazzjoni bħala eżempju. Imma hemm ukoll il-propjeta' pubblika akkumulata f'idejn il-partiti politiċi prinċipalment dik użata bħala każini politiċi f'diversi lokalitajiet. L-abbozz jonqos milli jindirizza dan b'mod speċifiku.

Huwa meħtieġ li jkun assigurat f'kull ħin li l-kirjiet imħallsa għal propjeta' pubblika jkunu kummerċjali. Dan irid isir billi jittieħdu miżuri amministrattivi, jekk meħtieġ miżuri ad hoc. Irid jinħoloq mekkaniżmu għal reviżjoni tal-kirjiet fuq bażi regolari.

## Infieq f'kampanja elettorali

L-abbozz ta' liġi jirrevedi l-ammonti permissibli dwar infieq f'kampanja elettorali.

F'elezzjoni ġenerali, illum, l-infieq permissibli hu ta' €1,400 għal kull kandidat, irrispettivament minn jekk jikkontestax Distrett Elettorali wieħed jew le. L-abbozz ta' liġi jipproponi li dan l-ammont għandu jkun revedut għal €20,000 għal kull Distrett Elettorali kkontestat. Alternattiva Demokratika jidhrilha li dan l-ammont li qiegħed jiġi propost hu wieħed esaġerat. Jidhrilha li ammont raġjonevoli jkun ta' €4,000.

Fl-elezzjoni għall-Parlament Ewropew l-abbozz ta' liġi jipproponi illi l-limitu tal-lum ta' ftit iktar min €18,000 għandu jiżdied għal €50,000. Alternattiva Demokratika jidhrilha li dan l-ammont li qiegħed jiġi propost hu wieħed esaġerat. Jidhrilha li ammont raġjonevoli jkun ta' €20,000.

F'elezzjoni għal Kunsill Lokali, illum, l-infieq permissibli hu ta' €1,400 għal kull kandidat. L-abbozz ta' liġi jipproponi li dan l-ammont għandu jkun revedut għal €5,000 għal kull kandidat. Alternattiva Demokratika jidhrilha li dan l-ammont li qiegħed jiġi propost hu ftit għoli u għandu jkun reveduta għal bejn €2,000 u €4,000 skond il-Kunsill Lokali ikkontestat.

Alternattiva Demokratika taħseb li jkun għaqli li jkun regolat ukoll l-infieq permissibli minn partit politiku f'kampanja elettorali. Dan fl-abbozz ma jsirx ħlief permezz ta' l-obbligu tal-pubblikazzjoni tal-kontijiet ivverifikati. Naħsbu li huwa meħtieġ li jkun anke regolat l-ammont li partit politiku jista' jonfoq f'kampanja elettorali u dan bl-istess mod li qed ikun propost limitu għall-infieq tal-kandidati individwali.

## Ir-rwol tat-Teżorier

L-abbozz ta' liġi, kif inhu xieraq jidentifika lill-persuna responsabbli mill-amministrazzjoni tal-finanzi tal-partiti politiċi bħala dik il-persuna li mhux biss iġġorr responsabbiltajiet lejn il-partit politiku li tagħha hi uffiċjal imma ukoll lejn il-komunità. Ir-responsabbilta ċentrali tar-rappurtaġġ li fuqu hi mibnija l-liġi kollha tal-finanzjament tal-partiti iddur fuq il-persuna tat-

Teżorier. Din il-persuna ser ikollha obbligi amministrattivi kbar b'pieni amministrattivi u jew kriminali f'każ li jsir xi żball.

Dan ifisser li l-persuna li tokkupa l-kariga ta' Teżorier ser ikollha bżonn ta' backup amministrattiv magħmul minn persuni ta' kompetenza teknika fiż-żamma tal-kotba finanzjarji biex ikunu sodisfatti r-rekwiżiti tal-liġi.

Dan ifisser spejjes li partit politiku li hu amministrat b'mod professjonali diġa' għandu x'jagħmel tajjeb għalihom. Hu fatt magħruf li l-partiti politiċi f'Malta li għalihom ġie ddiżinjat dan l-abbozz ta' liġi diġa għandhom dan is-setup amministrattiv li jagħmlu tajjeb għalih id-donazzjonijiet li jiġbru minn żmien għal żmien.

**Finanzjament mill-istat**

L-abbozz ta' liġi hu imsejħa Liġi dwar il-Finanzjament tal-Partiti. Iżda filwaqt li titkellem fuq ħafna affarijiet ma tgħid xejn fuq il-finanzjament.

Alternattiva Demokratika tiġbed l-attenzjoni illi l-istat Malti diġa jiffinanzja lill-partiti politiċi. Għal ħafna snin, sa mis-snin 90, illimita dan il-finanzjament lill-partiti politiċi fil-Parlament. Fl-aħħar estimi approvati mill-Parlament għas-sena 2014, per eżempju, taħt il-line item 5298 fil-budget hemm ivvutata s-somma ta' €200,000 bid-deskrizzjoni segwenti: *Development of relations with E.U. and the Mediterranean region by Political Groupings in Parliament*. Dawn huma l-flus li jieħdu kull sena mit-taxxi l-partiti politiċi fil-Parlament.

Dan mhux l-uniku finanzjament mill-istat li diġa jsir. Kif imfisser fi stqarrija għall-istampa[8] għal snin twal mill-fondi allokati lill-MEUSAC fil-budget 4 organizzazzjonijiet u ċjoe l-Union Ħaddiema Magħqudin (UĦM), il-General Retailers and Traders Union (GRTU), il-Malta Employers Association (MEA) u l-General Workers Union (GWU) jircievu allokazzjoni annwali ta' €58,200 kull wieħed.

L-istat jgħin ukoll billi jidħol f'arranġament ma diversi korpi kostitwiti, inkluż ma għaqdiet mhux governattivi ħalli jkun possibli li impjegati tal-Gvern fil-waqt li jibqgħu jitħallsu mill-Gvern jagħtu servizz lil dawn il-korpi kostitwiti.

Dan kollu diġa qiegħed isir.

Alternattiva Demokratika ma jkollha l-ebda diffikulta biex terfa l-piz amministrattiv li l-abbozz ta' liġi taħt konsiderazzjoni ipoġġi fuq spallejha jekk hi ukoll tkun ittrattata b'dan il-mod u tirċievi għajnuna finanzjarja li kemm il-PN, il-PL kif ukoll l-organizzazzjonijiet imsemmija iktar il-fuq ilhom jirċievu għal snin kbar.

[8] Stqarrija għall-Istampa li nħarġet mid-Dipartiment tal-Informazzjoni nhar is-26 ta' Settembru 2013 bir-referenza PR 2055 u intitolata: Press Statement by Dr Vanni Xuereb, Head of MEUSAC. Accessibli f' http://www.meusac.gov.mt/prs2013

**Konklużjoni**

Huwa neċessarju li l-liġi dwar il-finanzjament tal-partiti politiċi li Alternattiva Demokratika tant ħadmet favur tagħha tul il-25 sena li għaddew ma tkunx liġi li tistabilixxi biss il-piż amministrattiv li jrid jintrefa biex ikun hemm il-kontabilita’ fil-finanzjament tal-partiti politiċi billi jkun hemm trasparenza amministrattiva. Id f’id mal-piz amministrattiv nistennew l-għajnuna biex nerfgħu dan il-piz. Jekk dan ma jsirx ikun ifisser li ser ikun ikkastigat min tul is-snin qagħad attent biex ma jkollux dipendenza fuq id-donazzjonijiet politiċi fl-assenza ta’ mekkaniżmi regolatorji.

Alternattiva Demokratika taqbel fil-prinċipju ma dan l-abbozz ta’ liġi. Taqbel ukoll, kif imfisser u kkwalifikat hawn fuq ma numru mhux żgħir mid-dettalji tal-abbozz ta’ liġi. Jidhrilha imma illi għandu jkun indirizzat id-difett bażiku tagħha. Hu neċessarju li l-livell ta’ kontroll ikun ta’ relevanza għad-daqs differenti tal-partiti politiċi. Huwa neċessarju ukoll li l-awtorita’ regolatorja tkun waħda li permezz tagħha kulħadd ikun konvint illi hi imfassla b’mod li l-ebda partit politiku m’hu żvantaġġjat minn qabel ma tibda t-tellieqa politika.

Jekk dan isir ikunu nistgħu ngħidu li fl-aħħar, f’Malta, il-finanzjament tal-partiti politiċi qed jiġi ikkunsidrat bis-serjetà.

2 ta’ Lulju 2014